MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Numru. 876/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**

**KONTRA**

**STEPHEN ZAMMIT**
**JOHANN SCERRI**
**TWAIN SCHEMBRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Stephen Zammit ta’ 33 sena, bin Herman u Concetta nee’ Degiorgio, mwieled Pieta nhar it- 28 ta’ April 1975,

residenti fil- fond numru 182, Triq l- Imsida, Birkirkara u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 315975(M);

U

Johann Scerri ta' 28 sena, bin Philip u Maria nee' Falzon, mwieled Pieta nhar is- 26 ta' Novembru 1979, residenti fil- fond numru 7, Sqaq Sabella, Birkirkara u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 563279(M);

U

Twain Schembri ta' 19 sena, bin Emanuel u Rita nee' Camilleri, mwieled Pieta nhar l- 10 ta' Ottubru 1989, residenti fil- fond Binja Vista, Ent 1, Triq G. Dimech Debono, Birkirkara u detentur tal- Karta tal- identita' bin- numru 466289(M)

Li gew imressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall- imputazzjonijiet:

Talli:

1) f' San Giljan, fi Triq Mikelang Borg hekk ghal- habta ta' 11.30am, ta' nhar il- 14 ta' Settembru 2008, ikkommettew serq ta' stereo tal- ghamla Clarion minn vettura tal- ghamla Suzuki Alto, bin- numru tar- registrazzjoni DBN 773, liema serq huwa ikkwalifikat bil- mezz, bix- xorta tal- haga misruqa u bil- vjolenza ghad- dannu ta' Nadia Portelli;

2) ukoll talli xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew b'kull mod indahallu sabiex imexxihom jew ibieghhom u dan ai terminu tal- Artikolu 334 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

3) Johan Schembri u Stephen Zammit, wahedhom li fl- istess data, lok u cirkostanzi ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg hddiehor u cioe l- imsemmi stereo, dashboard tal- karozza u l- lock tal- karozza, liema hsara tammonta

ghall- valur ta’ mhux inqas minn €116.47 izda mhux iktar minn €1164.74 u dang had- dannu ta’ Nadia Portelli;

4) Stephen Zammit wahdu talli kiser diversi ordnijiet tal- Qorti li ma jaghmilx reati ohra, b’sentenza tal- Qorti tal- Magistrati, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jinbidlu;

5) Stephen Zammit wahdu talli irrenda ruhu recediv ai terminu tal- Artikoli 49, 50 u 289 (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, billi huwa kien gie misjub hati b’sentenzi tal- Qorti ta’ Malta li saru definittivi u ghaldaqstatn ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputati Stephen Zammit u Johann Scerri irregistraw ammissjoni fi stadju avvanzat f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni;

Semghet it-trattazzjoni tal-imputati kollha, wara li l-imputat Twain Schembri ddikkjara li m’ghandux provi x’iressaq;

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq ammissjoni ta’ Stephen Zammit u Johan Scerri, il-Qorti qed issibhom hatja tal-imputazzjonijiet kontra taghhom. Mill-provi kollha prodotti, irrisulta li l-imputat l-iehor, Twain Schembri, kien komplici f’dan ir-reat, ghalkemm ma hax sehem attiv fit-twettiq tieghu. Il-Qorti sejra tassorbi l-piena ghall-hsara volontarja fil-konfront ta’ Zammit u Scerri, peress illi dik kienet mezz ghall-fini tar-reat ta’ serq, u sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-reat

ta' ricettazzjoni, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghal dik ta' serq. Kwantu ghall-piena, il-Qorti sejra taghti piena differenti ghal kull imputat, in vista tar-recidiva fil-konfront ta' Stephen Zammit, u in vista tas-sehem minimu ta' Twain Schembri.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 262, 263, 271, 334, 325, 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ta' Stephen Zammit u Johann Scerri, din il- Qorti qed issib lill- imputat Stephen Zammit hati u ghaldaqsant tikkundannah sena prigunerija, kif ukoll ssib lill- imputat Johan Scerri hati u ghaldaqstant tikkundannah tlitt (3) snin probation ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta. Din il- Qorti ssib lil Twain Schembri hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn (2) probation ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------